

Brussell, 9 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10449/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0186(NLE)**

UK 117

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 322 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni biex tiġi emendata l-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 322 final.

Mehmuż: COM(2023) 322 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.6.2023
COM(2023) 322 final

2023/0186 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni biex tiġi emendata l-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li temenda l-Parti I tal-Anness I ta' dak il-Ftehim.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ('il-Ftehim dwar il-Ħruġ') jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni u mill-Euratom. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jinkludi rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit. Huwa kopresedut mill-Unjoni u mir-Renju Unit. L-Anness VIII tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt. Il-Kumitat Konġunt jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena jew fuq talba tal-Unjoni jew tar-Renju Unit, u jistabbilixxi l-iskeda tal-laqgħat u l-aġenda permezz ta' kunsens reċiproku.

Il-kompiti tal-Kumitat Konġunt huma stipulati fl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u prinċipalment huma:

- is-sorveljanza tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim direttament jew permezz tal-ħidma tal-kumitati speċjalizzati li jirraportaw lilu;
- l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet, inklużi emendi tal-Ftehim fil-każijiet previsti fih;
- il-prevenzjoni ta' problemi u s-soluzzjoni ta' tilwim li jistgħu jinqalgħu rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim.

2.3. Att previst tal-Kumitat Konġunt

Fil-laqgħa tiegħu li jmiss, il-Kumitat Konġunt irid jadotta deċiżjoni li temenda l-Parti I tal-Anness I dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ("l-att previst"). Il-Kumitat Konġunt jadotta deċiżjoni li temenda l-Ftehim dwar il-Ħruġ, skont l-Artikolu 36(4) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, biex jirrifletti kwalunkwe Deċiżjoni jew Rakkomandazzjoni ġdida approvata mill-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali.

L-għan tal-att previst huwa li fil-Parti I tal-Anness I jiġu elenkati żewġ Deċiżjonijiet ġodda approvati mill-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali u li jitneħħew id-Deċiżjonijiet preċedenti li ġew sostitwiti miż-żewġ Deċiżjonijiet il-ġodda.

L-att previst se jsir vinkolanti fuq il-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. F'konformità mar-Regola 9 tar-Regoli ta' Proċedura, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt jispeċifikaw id-data li fiha se jidhru fis-seħħ.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. Il-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali

Il-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fiha d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali li l-Unjoni u r-Renju Unit iridu jqisu kif xieraq meta japplikaw ir-regoli ta-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali (l-Artikolu 31(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ).

Fid-19 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali approvat id-Deċiżjoni Nru H12 dwar id-data li trid titqies għad-determinazzjoni tar-rati tal-kambju msemija fl-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tiżdied fl-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Din id-Deċiżjoni tissostitwixxi d-Deċiżjoni Nru H3 tal-15 ta' Ottubru 2009 li tikkonċerna d-data li trid tiġi kkunsidrata għad-determinazzjoni tar-rati tal-kambju msemija fl-Artikolu 90 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendata bid-Deċiżjoni Nru H7 tal-25 ta' Ġunju 2015 fuq ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni Nru H3 dwar id-data li trid titqies għad-determinazzjoni tar-rati tal-kambju msemija fl-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Id-Deċiżjonijiet Nru H3 u Nru H7 għalhekk se jitneħħew mill-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Fit-30 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali approvat id-Deċiżjoni Nru H13 dwar il-kompożizzjoni u l-metodi ta' ħidma tal-Bord tal-Verifika tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali. Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tiżdied fl-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Din id-Deċiżjoni tissostitwixxi d-Deċiżjoni Nru H4 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar il-kompożizzjoni u l-metodi ta' ħidma tal-Bord tal-Verifika tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni Nru H4 se titneħħa mill-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”¹.

4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi qabelxejn fuq l-oġettiv u l-kontenut tal-att previst li tittieħed pożizzjoni fir-rigward tiegħu f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissegjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-uniku oġettiv u l-uniku kontenut tal-att previst huwa li jemenda l-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ biex telenka żewġ Deċiżjonijiet ġodda approvati mill-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali u biex tneħħi d-Deċiżjonijiet preċedenti li ġew sostitwiti miż-żewġ Deċiżjonijiet il-ġodda.

Il-konklużjoni tal-Ftehim kienet ibbażata fuq l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

Għaldaqstant, u f'konformità mal-prinċipju bażiku li att jista' jiġi emendat biss b'att tal-istess tip, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 50(2) TUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 50(2) TUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi li l-att tal-Kumitat Konġunt se jemenda l-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, huwa xieraq li wara l-adozzjoni tiegħu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni biex tiġi emendata l-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135² tat-30 ta' Jannar 2020 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) Skont l-Artikolu 36(4) tal-Ftehim dwar il-ħruġ, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjonijiet biex jemenda l-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-ħruġ biex jirrifletti kwalunkwe Deċiżjoni jew Rakkomandazzjoni ġdida approvata mill-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali.
- (3) Il-Kumitat Konġunt, matul il-laqgħa tiegħu li jmiss, għandu jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 36(4) tal-Ftehim dwar il-ħruġ biex tiġi emendata l-Parti I tal-Anness I tiegħu biex jiżdiedu żewġ Deċiżjonijiet ġodda approvati mill-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali mal-lista stabbilita fih u biex jitneħħew tliet Deċiżjonijiet li ġew sostitwiti miż-żewġ Deċiżjonijiet il-ġodda minn dik il-lista.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, peress li d-deċiżjoni li tiġi emendata l-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-ħruġ se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

² [ĠU L 29, 31.1.2020, p.1.](#)

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*